NEWSPAPER POST



# Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Settembru – Ottubru 2001

Nru 122



*Il-Kelma ta' l-Arċipriet*

## Bidu tas-Sena Pastorali

Il-bidu tas-sena pastorali hi okkażjoni niffokaw l-eneġiji tagħna u norganiżżaw ruħna biex nagħmlu pass ieħor 'l quddiem fil-ħidma tal-Parroċċa. Inħoss li din is-sena għandna nikkonċentraw fuq il-ħidma tal-lajċi. Spiċċa ż-żmien li kollox jiddependi minna, is-saċerdoti. Għalkemm il-kontribut tas-saċerdot hu insostitwibbli, illum nafu li mhux inqas importanti l-kontribut ta' l-irġiel u n-nisa, żgħażagħ u adulti, fil-Knisja.

Hemm ħafna ministeri fil-Knisja li bħalissa m'huma qed jitwettqu xejn, jew mhux qed jitwettqu tajjeb. Hemm oħrajn li qegħdin isiru u dawn jagħmlulna kuraġġ biex norganiżżaw ruħna aħjar fur-rigward ta' l-oħrajn. Dawn huma l-liturġija, speċjalment l-oganiżżazjoni tal-quddies tal-Ħadd, id-djakonija jew il-qadi tadl-proxxmu fl-imħabba, it-tagħlim, il-formazzjoni ta' ambjent tajjeb u fuq kollox il-pastorali tal-familja.

F'dawn il-jiem qed nagħmlu sejħa lilkom il-lajċi biex tħossu l-bżonn li l-Parroċċa għandha tagħkom u twieġbu billi tersqu tagħtu sehmkom. Qasam li sar importanti ħafna huwa dak tar-radju. Għandna bżonn voluntiera li lesti jitgħallmu biex jagħtu anke siegħa fil-ġimgħa bħala tekniċi. Kulħadd, bi ftit rieda tajba, jista' jgħin ħafna.

Jiena naf kemm huma importanti l-lajċi fil-parroċċa. Diġa qed jagħtu kontribut kbir f'diversi oqsma bħalma huma dawk tal-manutenzjoni tal-knisja, l-istampa, ix-xandir bir-radju, il-katekiżmu, il-bini taċ-Ċentru Parrokkjali u oqsma oħra.

Semmejt il-bini taċ-Ċentru. X'konna nagħmlu mingħajr l-ideat, l-istinkar u l-għajnuna ta' xi lajċi eżemplari li għandna fostna? X'konna nagħmlu mingħajr l-għajnuna finanzjarja li qed jagħtu l-ħafna benefatturi tagħna? X'konna nagħmlu mingħajr il-lajċi professjonisti mill-Parroċċa tagħna li qed jaħdmu bla interessi u qed jappoġġjaw il-viżjoni li għandna għal Parroċċa aktar organiżżata, aktar magħquda, aktar effettiva fil-missjoni tagħha?



Mela, fil-bidu ta' din is-sena pastorali, nagħmlilkom sejħa lilkom il-lajċi biex tħossukom responsabbli għall-Parroċċa **tagħkom** u **tagħna** lkoll, tħobbuha u taħdmu fiha u għaliha.

*Mons. Guzeppi Farrugia*

# IL-BELT VICTORIA

*Rivista ta' kull Xahrejn*



*Uffiċċju Editorjali:* **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 55 63 77 • Fax: 55 69 81
E-mail: sangorg@vol.net.mt
Website: www2.vol.net.mt/org/sangorg


### MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITÀ PARROKKJALI

**01.07.01:** JEREMY, iben Anthony Camilleri u Odette nee' Farrugia
**08.07.01:** NICHOLAS, iben Joseph Vella u Mary Anne nee' Debono
**13.07.01:** MARK, iben John Dominic Mizzi u Sonia nee' Muscat
**11.08.01:** KIMBERLY, bint George Scerri u Joyce nee' Vella
**11.08.01:** GAETANO, iben George Bugeja u Gaetana nee' Portelli
**07.09.01:** GUY LOUIS, iben Robert John Lawrence u Pauline nee' Galea
**12.09.01:** SEMIRA, bint George Grech u Miriam nee' Said
**14.09.01:** KARL, iben Michael Sacco u Josephine nee' Theuma
**21.09.01:** MARTINA, bint Martin Xuereb u Ruth nee' Schembri
**21.09.01:** AGELICA, bint Michael Galea u Frances nee' Galea

### INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

**02.06.01:** Joseph Mifsud u Denise Melissa Sharon Galea
**06.07.01:** Mariano Camilleri u Georgina Ellis
**08.07.01:** Daniel Curmi u Carmen Grech
**21.07.01:** Adam Philip Lyddana u Shawn Zammit
**22.07.01:** Adrian Porter u Simone Attard
**01.09.01:** Vincent Farrugia u Patricia Bongailas
**08.09.01:** Anthony John Said u Antonella Attard
**22.09.01:** Dominic Bajada u Jacqueline Cardona
**05.10.01:** Michael Mizzi u Mary Vella

### MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

**28.06.01:** Benedetta Said
**17.07.01:** Evanġelista Bajada
**25.07.01:** Salvu Vella
**12.08.01:** Dolora Falzon
**25.08.01:** Louis Zammit
**06.09.01:** Maria Annunziata Tabone
**20.09.01:** Emanuel Refalo

### *Donazzjonijiet għar-Rivista*

| | |
|---|---|
| Josephine Muscat (Mdina) | Lm10 |
| Joseph Pace (Ħamrun) | Lm10 |
| Maria Zammit (St. Albans Aust.) | Lm5 |


**Isma' Leħen il-Parroċċa fuq Radju LEĦEN IL-BELT VICTORIA FM Stereo 104**


# Editorjal

## MUMENTI KOROĦ

Id-dinja tinsab għaddejja minn mumenti koroħ, wara l-attentati terroristiċi li twettqu fuq l-Istati Uniti ta' l-Amerika nhar il-11 ta' Settembru 2001. Min wasal mhux biss biex iwettaq, imma anke biex jaħseb, f'attentati bħal dawn jeħtieġ il-kundanna ta' kulħadd. Kien attakk kontra ċ-ċivilta', attak kontra l-valuri tal-liberta' u l-ugwaljanza; attakk kontra l-umanita'.

Kulħadd madwar id-dinja għadu miblugħ b'dan l-attakk faħxi. Ħadd ma jista' jemmen li hawn xi ħadd li jkun kapaċi jasal għal straġi bħal din li ħalliet eluf mejta u midruba. Il-qawl malti jgħid li min jiża' r-riħ jaħsad it-tempesti. Min għal snin shaħ xerred il-mibgħeda jew minħabba l-politika jew minħabba ir-reliġjon, issa qed jara b'għajnejh safejn il-bniedem li jkun għodos fil-mibgħeda jista' jasal.

Id-dinja għaddiet minn gwerer li fnewha. Għaddiet minn gwerer li kultant saru f'isem ir-reliġjon. Għaddiet minn gwerer li salvaw id-demokrazija u l-liberta'. Iżda qatt u ħadd ma' kien jimmaġina li biex tilħaq l-għan tiegħek tasal biex twettaq att barbaru bħal dak li twettaq fuq l-Istati Uniti. L-id qerrieda ta' tant vittmi innoċenti għad issir ħaqq minnha u j'Alla dan jasal mingħajr ma jkun hemm nies oħra li jitilfu ħajjithom bla bżonn.

Permezz tar-rivista ċkejkna tagħna ningħaqdu mal-kumplament tad-dinja fil-kundanna għal dawk l-attentati terroristiċi mwettqa fil-11 ta' Settembru.

## UNUR KBIR

Jekk il-Kor Laudate Pueri kien dejjem minn ta' quddiem biex jgħolli 'l fuq isem il-Komunita' tagħna, żgur li ma naqasx li jkompli jagħmel hekk waqt iż-żjara memorabbli li dan il-kor għamel fi New York. Ilkoll kemm aħna għandna nħossuna kburin bil-kapaċitajiet ta' dan il-kor u tad-diriġenti tiegħu. Iż-żjara tal-kor fi New York ma kenitx intrapriża faċli, u għalhekk inħossu li għandna nirringrazzjaw mhux biss lill-membri tal-kor u lid-diriġenti tiegħu għas-sagrifiċċji kbar li għamlu, imma lill dawk kollha, individwi u ditti li taw l-għajnuna tagħhom biex din il-mawra singolari tkun tabilħaqq kuruna denja f'għeluq il-25 sena mit-twaqqif tal-kor.

# PELLEGRINAĠĠI

Matul din is-sena l-Parroċċa tagħna organiżżat tliet pellegrinaġġi b'suċċess. L-ewwel pellegrinaġġ kien għal Fatima, fil-Portugal f'Mejju li għadda, it-tieni wieħed sar fl-Italja f'Lulju, u l-aħħar wieħed kien għal Lourdes fil-bidu ta' Awissu. Ta' min irodd ħajr mill-bidu lil Mons Salv Borg li f'idejh kienet l-oganiżżazjoni ta' dawn it-tliet pellegrinaġġi li kienu suċċess mija fil-mija.



Il-grupp ta' pellegrini quddiem is-Santwarju ta' Patri Piju f'San Giovanni Rotondo

Nixtiequ hawn hemm insemmu b'mod partikolari l-pellegrinaġġ għall-Italja, li kien jinkludi żjarat f'Napli, f'Pompei, f'San Giovanni Rotondo u Pietralcina, Cassia, Palestrina, Ruma u postijiet oħra. F'kull post matul dan il-pellegrinaġġ il-grupp kien akkomodat f'lukandi lussużi u b'ikel ta' livell mhux tas-soltu kemm fl-istess lukandi kif ukoll f'diversi ristoranti.

Mument mill-isbaħ u li jibqa' f'moħħ dawk kollha li kienu preżenti, kienet l-udjenza tal-Papa li għalija attenda il-grupp f'Castel Gandolfo nhar il-Ħadd 29 ta' Lulju 2001. Wara stennija ftit twila biex il-grupp daħal fil-bitħa tar-residenza estiva tal-Papa, intesa kollox, kemm l-għeja u kemm ix-xemx u s-sħana. Dan għaliex, il-Qdusija Tiegħu, wara d-diskors li għamel u qal l-Angelus, beda biex isellem lill-gruppi preżenti. U propju beda t-tislimiet tiegħu hekk:



Ai pellegrini di espressione inglese ha detto:
I extend a special greeting to the pilgrims from the Parish of Saint George in the Diocese of Gozo, and I pray that Almighty God will bless you and your families. Upon all the English-speaking pilgrims and visitors, I invoke the abundant graces of Almighty God.

***"I extend a special greeting to the pilgrims from the Parish of Saint George in the Diocese of Gozo, and I pray that Almighty God will bless you and your families."***

Naturalment għal dan il-messaġġ, l-ewwel wieħed dak in-nhar, il-grupp infexx f'għajjat u tixjir. Kien verament mument fejn kulħadd ħass ferħ inspjegabbli għal dan il-messaġġ mhux mistenni mill-Papa Giovanni Pawlu II. Aħna ċerti l-barka tal-Papa fuq dawk preżenti, fuq il-familji tagħhom u fuq il-Parroċċa tagħna jħallu l-frott mixtieq. Rapport dwar din l-udjenza deher fl-Osservatore Romano tal-ħarġa tat-Tnejn u T-Tlieta 30-31 ta' Lulju u li part minnu qed nirriproduċu hawnhekk.

Wara dan il-pellegrinaġġ fl-Italja kellna wkoll il-Pelligrinaġġ li issa ilna norganiżżaw għal tnax-il sena għal belt Marjana ta' Lourdes. Dan ukoll kien suċċess bħal dawk ta' qablu u l-membri kollha tal-grupp kellhom kull tifħir għall-organiżżjoni perfetta f'kull mument ta' l-erbat ijiem li l-grupp qatta' f'Lourdes u waqt l-eskursjonijiet li ġew organiżżati.

Is-sena li ġejja l-Parroċċa tagħna ser torganiżża pellegrinaġġi oħra, li dettalji dwarhom jidhru iktar 'l quddiem. Aħna konvinti li s-suċċss li nkiseb f'dawk li saru s'issa jkompli jżid in-numru ta' nies li jkunu jridu jingħaqdu magħna. ■

# IL-MAWRA FI NEW YORK TAL-KOR LAUDATE PUERI

*Żgur li mhux possibli fiċ-ċokon tar-rivista tagħna tiddeskrivi s-suċċess tal-mawra fi New York tal-Kor tal-Bażilika tagħna LAUDATE PUERI. Kienet żjara li għamlet unur mhux biss lill-Parroċċa tagħna, imma wkoll lill-Malta. Fit-tliet okkażjonijiet li fihom ppartecipa l-kor kulħadd kellu kliem ta' tifħir. Is-suċċess tal-kor fil-bini tan-Nazzjonijiet Uniti, fil-Katidral ta' St. Patrick u fil-Lincoln Center huma storja li ser titniżżel b'ittri tad-deheb fl-annali tal-kor. Dan jidher ċar minn artiklu ta' Michael Patrick Murphy, kompożitur u mużikologu magħruf, li deher fil-gażżetta 'The Sunday Times' ta' Malta nhar il-Ħadd 23 ta' Settembru 2001 dwar il-kunċert li sar fil-Lincoln Center fi New York u li ser nirriproduċu kif deher.*

### *MUSIC BY JOSEPH VELLA AT LINCOLN CENTRE*

Having been invited by my dear fried Fr. John Muscat, who comes from Sannat Gozo, I attended a concert of original works composed and conducted by Joseph Vella at Alice Tully Hall of the Lincoln Center, in New York, on September 8.

Mro Vella is known both nationally and internationally for his numerous contributions to the world of music, especially through his compositions.

Joining Mro Vella on the first half of the concert was the Prometheus Symphony Orchestra. They opened the programme with a rousing rendition of the overture *Jubilo*, with its incisive rhythms on brass, strings and percussion, after which soprano Maria Frendo added her beatifully lyrical, and at times ethereal, voice to a contemporary song cycle, *Seħer* (Enchantment).

The development of the music moved through a series of contrasting moods, from elated expectancy, to tender love, and finally to the feel of wistful recollections. Ms Frendo sang with perfect precision and vocal grace. Truly, hers is a voice of clarity and purity.

The third offering on the second half of the concert was a *Piano Concerto for two Solo Pianos*. According to the excellent programme notes provided for the concert, this concerto was given its world premiere in Marseilles last November.

The technically demanding work was performed in three movements in the form of the classical concerto. This moving and powerfully impassioned work, with its strong contemporary idioms, was played by Natascha Chircop and Marco Rivoltini, who lent their refined and perfect technique to the performance of this highly complex and demanding work.

ikompli paġna 6 ☛



# SAN ĠORĠ 2001




***Żgur li ma nistgħux inħallu barra mill-paġni ta' din il-ħarġa tar-rivista tagħna l-festi kbar u sollenni li ċċelebrajna f'Lulju li għadda f'ġieħ il-Patrun tagħna u ta' gżiritna San Ġorġ Martri. Festi ċċelebrati b'impenn u serjeta' kif ukoll b'entużjażmu u ferħ ġenwin, xhieda ta' l-imħabba kbira li aħna lkoll għandna lejn San Ġorġ u lejn il-Parroċċa għażiża tagħna.***

### Novena

L-Għaqda Drammatika Astra ħadet ħsien ittella' disa' episodji dwar il-ħajja ta' Ġorġ fil-jiem tan-Novena bi preparazzjoni għall-festa. Bit-tema: *San Ġorġ: Ġawhra fil-Kuruna ta' Kristu Rebbieħ*, dawn l-episodji nkitbu minn Mons Salv Borg fil-waqt li l-produzzjoni u d-direzzjoni kienet f'idejn Maria Zammit Borg.

### Victoria Arts Festival

Il-festa tagħna qed tkompli tikber bl-organiżżazjoni tal-Victoria Arts Festival li jinżamm kull sena fil-jiem ta' qabel. Din is-sena dan il-Festival kien jinkludi 'Piano Recital' mill-pjanista Maltija Natascha Chircop u l-pjanista Taljan Marco Rivoltini, li nżamm fl-Imġarr Hotel, fejn inżamm ukoll kunċert ta' mużika klassika u kontemporanja mill-Classic Trio ta' Geoffrey Haydock, Alexander Volpov u Penelope Smith.

Fil-Bażilika kellna 'recital' ta' mużika klassika mill-Joe Vella saxophone Quartet, kunċert ta' mużika klassika fuq l-arpa mill-arpista magħrufa Taljana Cecilia Andreis u kunċert ta' miżika Sagra mill-Kor Palestrina Voces (Ruma). Il-kor ta' Palestrina ħa sehem ukoll fil-Konċelebrazzjoni Konventwali tal-Ħadd 8 ta' Lulju.

### 25 Sena Kolleġġjata

Matul il-festa ta' din is-sena ġie mfakkar ukoll għeluq il-25 mill-Pussess ta' l-Ewwel Kanoniċl tal-Kolleġġjata tagħna. Il-Ħadd 8 ta' Lulju saret Ċelebrazzjoni pontifikali tat-Tieni Għasa presedut mill-E.T. Mons Nikol G. Cauchi Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan. L-għada it-Tnejn saret ċelebrazzjoni kommemorattiva bis-sehem tal-kor Laudate Pueri, il-Baroque Ensemble u Solisti taħt id-Direzzjoni ta' Prof Joseph Vella. F'din l-okkażjoni saru diskorsi mis-Sur Paul M. Cassar, li kien ħadem bis-sħiħ għat-twaqqif tal-Kolleġġjata, minn Mos Arċipriet Dr. Guzeppi Farrugia u minn Mons Isqof Nikol Cauchi.

### Tkompli l-Festa

Din is-sena qabel il-ħruġ ta' l-istatwa sar marċ minn quddiem il-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb sal-Bażilika. Dak in-nhar, wara laqgħa għaż-żgħażagħ, saret l-inawgurazzjoni tal-pavaljuni l-ġodda fi triq ir-Repubblika, li għamlu unur lil min ħadimhom u lis-Soċjeta' La Stella li tieħu ħsieb il-festi esterni.

Fil-Bażilika m'hemmx dubju li jispikkaw ferm iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li jiġu esgwiti b'serjeta' liema bħala. Għal darba oħra fil-jiem tal-festa kellna lit-tenur Rumen Doikov u lill-baritonu Carlos de Miranda, li taw sehemhom ukoll fl-esekuzzjoni ta' l-innu l-kbir, kemm lejlet il-festa kif ukoll fil-ħruġ tal-Puċissjoni Pontifikali. Fil-jiem tat-Tridu priedka ir-Rev. Patri Ġorġ Attard O.F.M. Conv. S.Th.L. filwaqt li niseġ il-Paniġierku l-W. Rev. Dr. Joseph Zammit J.U.D.

Barra s-sehem singolari tal-Banda Ċittadina *La Stella*, matul il-festa ħadu sehem ukoll dawn il-baned: *Ite Ad Joseph* tal-Qala, *Santa Marija* taż-Żebbug, *Santa Margerita* ta' Sannat, *Prekursur* tax-Xewkija, il-Banda Ċittadina *King's Own* tal-Belt Valletta, *Nicolo' Isouard* tal-Mosta u *Mnarja* tan-Nadur.

Mhux ta' min iħalli barra s-sehem tar-radju tagħna, Leħen il-Belt Victoria, li wassal fid-djar tagħna l-funzjonijiet u ċ-ċelebrazzjonijiet kemm mill-Bażilika kif ukoll minn barra li tant ġew segwiti mill-morda u mill-anzjani.

Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li taw sehemhom biex il-festa tkun suċċess, imma l-ikbar ħajr għandu jmur lejn is-Soċjetà Filarmonika La Stella li ta' kull sena b'impenn kbir torganiżża l-festi esterni.

*jaqbad minn paġna 4*

## IL-MAWRA FI NEW YORK TAL-KOR LAUDATE PUERI

In the second half of the concert, three beautiful choral works with orchestra and solits were offered. The works included a motet, *Domine Jesu Christe*, with soprano Gillian Zammit, the *Mass in D*, and the cantata *Laudate Pueri Dominum*, the last two featuring Miriam Cauchi (soprano) and Carlos de Miranda (baritone) as soloists.

All the choral parts for these compositions were beautifully sung in a very professional manner by the Laudate Pueri Choir of St. George's Basilica of Gozo. The success which the choir has met on an international level is in no small measure due to its various committed components, the greater majority of whom are young university graduates and graduands. Dr Maria frendo is their leader while Fr George Frendo is their musical director.

Throughout all the three pieces the choir came out very balanced, extremely clear, and dead on pitch. Especially in the louder passages of the Mass and the Cantata ther were overwhelmingly impressive in the choral and orchestral tuttis, while in the pianissimos they delivered a fine velvety lush sound, very noticeable in the *a cappella* sections. A truly stylish and professional group of singers to do Malta proud!

Each of the three works in the second half seemed to me to be more beautiful than the one before. But to this humble listener, it was the *Mass in D* that moved my soul to such heights of spiritual and musical pleasure. It was composed to be played during the Pontifical High Mass of the feast of St. George, held every third Sunday in July at the Basilica in Victoria , Gozo.

Mro Vella has created a work that commands an immediate appeal. Between the spirituality of the liturgical text and the gorgeous music which elevates the text, the *Mass* evokes powerful feelings of praise, adoration and intense longing for one's Creator God.

One element that brought the emotion of the music so intensely to my soul were the angelic counter melodies found in the string sections, and the precious violin solos so sensitively executed. Also, a joy to hear were the three vocal soloists who raised their God-given instruments in communion with, and above both orchestra anf choir, to create music that to my mind can only be called heavenly.

I thank Fr John for sharing with me such beautiful musical treasures of your beloved Malta. Thank you, Mro Vella, for the gift of your heartfelt music and the way you handled the forces at your disposal. Thank you Laudate Pueri and soloists for your refined and moving dinging. And thank you also Education Minister Louis Galea for bringing such beauty to my country for all to share.

**L-Għaqda tal-Palk Astra**

*tippreżenta*

il-Kummiedja Soċjali Maltija

**IS-SENGħA TA' L-IMħABBA**



Xogħol Teatrali Oriġinali

ta' **Ġorġ Pisani**

b'tema attwali u drammatika

**Is-Sibt, 20 ta' Ottubru 2001 fis-7.30pm**

*Direzzjoni :* Maria Zammit Borg

*Booking mill-14 ta' Ottubru 2001*

# ROKNA GHAT-TFAL

Għeżież Tfal,

Kemm qed nieħu gost nerġa' niltaqa' magħkom wara l-vaganzi tas-sajf! Issa għaddew il-festi u l-jiem tal-baħar u tad-divertiment u jeħtieġ li kulħadd jerġa' jinġabar fis-satra ta' daru u jmidd għonqu għax-xogħol. Fil-ħajja hemm ħin għal kollox u għalhekk nissuġġerilkom li tagħmlu 'time-table' mhux biss għal waqt l-iskola, iżda wkoll għal matul il-ġurnata kollha. Hemm ħin għal homework u għall-istudju, kif ukoll ħin għall-mistrieħ u għal xi laqgħat ta' formazzjoni.

Bla dubju ħafna minnkom ħallew l-iskola primarja u marru fi skola ikbar, dik tal-Junior Lyceum jew Sekondarja. Sa ssibu ma wiċċkom ambjent ġdid, ħbieb ġodda. Tmorru fejn tmorru, u tkunu fejn tkunu, araw li dejjem tirrispettaw lill-għalliema tagħkom, li dawn jiġu dritt wara l-ġenituri, u li bħalhom żgur li jixtequlkom kull ġid. Sibu dejjem ħbieb tajba u aħarbu l-kumpanija ħażina. Importanti li fil-weekends taraw fejn tmorru u li tevitaw id-dewmien barra bla bżonn. Araw li tieħdu sehem fl-attivitajiet li jsiru fil-parroċċa jew fil-każin, basta ma titilfux mill-ħin ta' l-iskola.

Matul Ottubru fit-tejatru tagħna se jkollna 'play' ta' Ġorġ Pisni. Naf li xi wħud minnkom ser tieħdu sehem fiha. Intom mistiedna tiġu tarawha flimkien ma' tad-dar. It-tejatru huwa mezz ta' tagħlim u ta' divertiment u wara ġimgħa xogħol, tkun ħaġa sabiħa li l-familja tmur it-tejatru u tieħu l-mistrieħ tagħha. Din mhux l-uniku attivita' li sa jkollna. Stennew u taraw.

Ma xtaqtx indejjaqkom b'aktar pariri, iżda wara l-btajjel tas-sajf u fil-bidu ta' sena skolastika ġdida, hassejtni fid-dmir li nitkellem ftit magħkom dwar hekk. Ta' spiss nisma' xi wħud minnkom jitkellmu fuq l-istazzjon tar-radju tagħna, Leħen il-Belt Victoria. Dan ukoll huwa mezz tajjeb biex tkomplu titgħallmu u għalhekk qis li tagħtu s-sehem tagħkom meta tiġu mitluba.

Intant għal-lum daqshekk. Sa nieqaf hawn u ser ngħaddi għall-Kompetizzjoni. Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom lill-**Editur, Il-Belt Victoria, Bazilika San Gorg, Victoria, Għawdex** sa mhux iktat ard mill-Erbgħa 31 ta' Ottubru. Fost dawk li jwieġbu tajjeb jitla' bix-xorti ktieb sabiħ bil-Malti ġentilment mogħti mill-Klabb Kotba Maltin (Tel: 551325).

***Mistoqsijiet:***

1. Faċċata tal-Bażilika tagħna wieħed jilmaħ bust. Ta' min hu dan il-mafkar?
2. Fil-pjazza tal-knisja tagħna kienet għix poetessa Għawdxija? Min hi u meta mietet?
3. Fi triq Putirjal dan l-aħħar tqiegħed monument. Lil min qed ifakkar?
4. Fin-navi tal-Bażilika tagħna hemm imfakkra żewġ Għawdxin, it-tnejn saċerdoti. Min huma?

Iz-Ziju Joe

# RIVISTA DWAR SAN ĠORĠ

Il-Komunità tagħna diġa' qed tħares b'entużjażmu lejn is-sena 2003, meta ser tiċċelebra il-1700 anniversarju mill-martirju glurjuż ta' San Ġorġ, il-martri ta' Lidda.

Bi preprazzjoni għal dan l-avveniment uniku l-kumitat imwaqqaf apposta biex jħejji u jipprepara kif jixraq għal dawn il-festi Ċentinarji, ħaseb biex jibda jippubblika rivista dwar San Ġorġ li għandha sservi kemm bħala mezz ta' formazzjoni reliġjuża ispirata mill-kariżma Ġorġjana, kif ukoll bħala punt ta' riferenza għall-istudju dwar San Ġorġ. Din ir-rivista tiġbor fiha artikli interessanti ta' spiritwalità, teoloġija, arti u storja, kollha b'rabta diretta ma' San Ġorġ.



Din ir-rivista ġiet inawgurata nhar is-6 ta' Lulju li għadda waqt akkademja mużiko-letterarja bis-sehem tal-kor Palestrina Voces taħt id-direzzjoni ta' Don Renzo Cilia. Waqt din iċ-ċerimonja saru diskorsi minn Mons Arċipriet Dr. J. Farrugia u minn Michael Formosa li huwa l-koordinatur ta' din il-publikazzjoni. Fir-ritratt Michael Formosa jidher qed jippreżenta kopja ta' l-ewwel ħarġa lis-Sur Paul M. Cassar, Sindku tal-Belt Victoria.

***Kull kopja tiswa 50c pero' tista' tabbona għat-tnax-il ħarġa b'Lm5.***

# IT-TURISTI LI JŻURU L-BAŻILIKA TAGĦNA

**Eluf ta' turisti ta' kull sena jżuru l-Bażilika tagħna. Mill-1989 'l hawn beda jinżamm 'Visitors' Book' biex min ikun jixtieq jikteb xi kumment. Dan l-aħħar qbadna f'jidena dawn il-kotba u sibna li ħafna minn dawk li żaruna qalulna xi ħaġa. Il-kummenti ġew minn turisti minn bosta pajjiżi u kultant mhux dejjem faċli taqra dak li kitbu.**

Ħafna minn dawk t-turisti esprimew is-sodisfazzjon tagħhom li ġew iżuru l-Bażilika tagħna f'kelma waħda, pero' kelma li tfisser ħafna. Dawn huma xi ftit mill-kummenti f'kelma waħda li kitbu xi turisti:

*Sontuosa, beautiful, peaceful, magnificent, breathtaking, awesome, amazing, splendid, facinating, narvelous, impressive, superb, absolutely wonderful, spectacular, superbe eglise, bellissima, impressingly beautiful, splendid, truly remarkable, excellent, very artstic, grandiosa, c'est meraveilleux, e' stupenda, ġawhra mprezzabbli, enchanting, entusiasmante, elegante chiesa, impressed, outstanding beauty, exquisite, bellissima, fantastic, stunning, a glory, incredible, first class, fabulous, magnifique, grandios, indescrivibile, inspiring, tranquility personified, absolutuely unbelieveable.*

Xi turisti ma kienux kuntenti li jesprimu ruħhom billi jiktbu kelma jew tnejn u għalhekk insibu oħrajn li kitbu sentenzi sħaħ. Dawn huma xi ftit minnhom:

*The most elegant and beatiful church in all Gozo and Malta. Excellent!*
*I have never seen such rich colours and light in a church. A special experience!*
*This is a beautiful church and we make a special trip to see it every time we visit Malta.*
*It's the most measured baroque ' have ever seen.*
*Da questa magnifica chiesa il Signore faccia crescere grandi santi come San Giorgio, che cantino in eterno la Gloria di Dio. Auguri!*
*Aquesta esglesia esta' dedicada al patro' de Catalunya.*
*Your church is so beautiful.*
*Una basilica stupenda, assai bella e magnifica e ricca d'arte.*
*The choir and the organist are out of this world. Well done and keep it up!*
*A church to be proud of!*
*It's the most beautiful church I have ever seen. My grandpa's name was Georg and I think he would have been most happy to see this church.*
*One of the most beautiful churches I've been in. May you always find the funds to keep it well restored.*
*Magnificent! Words cannot describe the beauty.*
*The most beautiful church I've ever seen. Every time I'm in Gozo, I visit here and pray.*
*A pleasure to come into a church with the doors open all day.*
*What a beautiful church! If you see it from the outside you could never think it would look so lovely on the inside.*
*Siamo felicissimi di essere qui!*
*I have seen the eight wonder of the world!*
*Well worth the journey, just to see this church!*
*Sono felicissima di aver visitato questa chiesa ricca d'opere d'arte. Meravigliosa!*
*Questa chiesa è bellissima! Tornerò.*
*E' semplicemente meravigliosa!*
*Very impressive! A fitting tribute to England's patron Saint.*
*Peaceful! Beautiful! I wish we had churches like this in England.*
*The colurs in the stained glass are stunning.*
*Questa e' la cosa migliore che abbiamo visto fin'ora a Malta. Complimenti!*
*I have been the architect of two churches in Malta. I always make it a point to revisit this gem of architectural splendour.*



Wara li taqra dak li kitbu t-turisti li ġew iżuru l-Bażilika tagħna f'dawn l-aħħar snin kull kumment minn naħha tagħna huwa żejjed. Iżda ta' min jgħid li kultant aħna ma napprezzawx biżżejjed il-ġmiel tal-Bażilika tagħna. Għalhekk għandna nkunu mhux biss kburin bis-sbuħija u r-rikkezzi tal-Bażilika tagħna, imma għandna nistinkaw biex nippreżervawh u nibżgħu għalih. ■

A&M Printing Ltd. - Qala - 553217